



# First lady taż-Żejtewn

Kitba Lino Psaila

***Rakkont bi djalett Żejtuni***

Dun ir-rakkont jew aħjur praspura għajdule li trijdu hew kullu minnu għax jien ma tantċ jew xejn ma nhopp nivvinte u ara li ma teħsbewhx li hemm xa ħuga imżejne biex insebbeħ, indhhhek jew nimpressjuna lil xi ħett għax li sa taqraw għaddejt minnu tessew u bil-pruvi. Mite għall ewwel darba li nħulqu l-kunsilli hawn Multa madwur erbgħatux jew hmistux il-sene ilu, għadt bejni u bejni rewħi li wasal iż-żmien li fir-reħel tagħne jibde jsijr xa ħuġa li ili noħlom bihe u barra jien li kont ġu mħajjar xi ħbiep tiegħaj ukoll ħajjruni biex nikkunteste l-ewwel elezzjuni ta'dun il-kunsell , għall ewwel għalkemm inhajjar, imme dunni ma xteqtx, għax ngħajt il-veritu mgħandijx xi ilsien ħilu biżżejjet biex niġbet in-nies warajjha għax la qatt kont xi pridikatowr u laqqas xi uratowr li bi kliemi n-nies jiġu jiġru warajja. Laqqas kont nagħmel parti minn xi suċjetu u bil-partiturji u l-femilji tegħhom kien ikulli għallinqas nofs is-sùdda mifrewxe. Imme billi dawn it-talijn jafuwni sewwe u tessew jufu li jiene fidilissmu għar-reħel tagħne, għajt minn hemm u redden minn hawn kumplew ħajjruwni u fl-istess hijn għadt fursi jekk nitla nista nkewn ta'xi ġijt għar-reħel tagħne li min dejjem kien junqsu xi ħwejjeċ li rhewle oħra kien ġu kellhom imme reħel tagħne kien dejjem imċeħħet minnhom, u dun l-iktar kien li ħajjarni u xejn izjet. U bi pjeċijr kbijr ngħajt li bil-ħidme tal-Kunsell li haw ħefne minn dawn l-affarijiet ġu suru u kull minn joqgħot hawn fir-reħel malajr jinduna bid-differenze li seħħet. Proset u proset tessew mill qalp għaliex duk kien l-iskop tiegħaj li nikkunteste biex fir-reħel isijr il-ġijt.

Imme b'dun kullu dunni qisni ma kontx ċert mije fil-mije minni nnifsi u kien sa jarġa jibde jibdieli mite għattilhom."

"Qebel ma niċċitte rrijt nura naqa kijf il-femilje tiegħaj teħsibe dwur dun."

U l-ewwel uppuzizzjuni laqattha mingħand Madam Psaila, l-istess mara tiegħaj li qaltli.

"Dun l-inkwiet x'tambijħ hija? Vieru, u nuf li ent tessew tħubbu lir-reħel, imme żgowr li tħubbu kemm tħubbu sa tagħmel ħefne għedewwe."

"Għedewwe? Mele jiene ħa niġġielet ma xi ħett? Għattile jien. "Eh hijja." Wigbitni hi..filwaqt li kumpliet.

"Dun ir-rakkont jew aħjur praspura għajdule li trijdu hew kullu minnu għax jien ma tantċ jew xejn ma nhopp nivvinte"



"Ma tistux toghġop lil kullhett, ma xi ħett trijt tiksire llewm jew għade għax jew m'Alla jew max-Xitun."
Dun il-kliem saramni mill ewwel u għadt.
"M'hawnx għalije anki l-istess mara tiegħaj kuntrijhe eħsep ura kemm se nġijp voti biżżejjet biex inkewn nista nitla"

U arġajt għadt."Mele jien nofs qalp, in-nofs l-ieħor ġu qiegħat juppunili, allura ma noħroċ xejn u jipqa kullox kijf inhew."

Imme wliedi ħesbuwwe xurta oħra u nkurraġġewni bis-shijħ, l-istess ħbiebi u fl-aħħar ddiċidejt li nikkunteste, imme hawn iltqajt ma ntopp ikbar minn tal-mara tiegħaj għaliex jien ma kelli ibde ideja ta'kijf tiltaqa man-nies jew bil-Multi powr kijf tkewn impustowr u ħajjarhom jivvutawlek, imme Ninu Camilleri s-Sendewq ħu l-inizjattiva f'idejħ u ħatar lilu nnifsu l-eġent tiegħaj u qalli biex inħelli f'idejħ u ma jidispjiċinijx u jien hekk għamelt.

Ngħajt il-veritu jien ma mort inħabbat ibde biep kif għamlu l-oħrajn u r-reħel kullu jista jeħilfu dun għaliex għadt lil dawn sa nitħek bihom u ma nista nwagħdhom xejn mite nuf li l-kunsell għodu sa jiffurma rewħu għall ewwel darba b'finanzi limlituti. Imme Ninu, gorr minn hemm u iġbet minn haw ħudni l-istampirijje ta'Pawlu f'Bir id-Dehep u għamilne xi ftijt litratti li hew flimkien ma wliedu qassmuhom biep biep mar-reħel kullu.

Ninu riet ukoll li nibdew induru r-reħel biep biep, imme jiene dun ma xteqtewx għar-raguwni li ġu semmejt u minbarra hekk, żgowr mhewx kullħett jieħu pjeċijr tmowr tħabbatlu l-biep biex titulbu l-vot, u pħell xejn jiksrek u għajdli x'jibqa fijje, imme għallinqas dawn ikewnu unesti mhewx pħell magguranza tal-uħrajn li jwagħdewk l-unu u laqqas jivvutawlek, mite ftakart f'dun kullu kien sa jaħbat jarga jibdieli, imme Ninu baqa jinsisti miegħaj li għandi noħroċ u nagħmel kuraċċ. Anki kien hemm mijn għamilli kuraċċ avulja kien sa jikkunteste hew ukoll u fakkarni kemm għandi għall qalbi lir-reħel tagħne. Jien li ġej minn żewġ razez gbur żwieten, tal-Għasli u ta'Bużakkar għadt li jekk ma jkewnx hemm xi vutazzjoni qawwija, mir-reħel t'isfel bess għandi mnejn nitla u għamelt xi ftijt tal-kuraċċ billi għandi xi ftijt ħbiep ukoll hemm isfel, imme kull ma għamelt bess kien li mort għand ħuwti u lil ummi Alla jeħfrilhe għamiltilhe primure biex tmowr tgħajt naqa liz-zijiet u lil xi erbgħa min-nies li kienet tuf. Għamlitli sinjul ta'iwa b'rusha u ma kellmitni xejn.

Insumma biex ma ntawwalx is-Sept tal-vutazzjoni wasal u mort nivvota bess u xejn iżjet għax inutli li noqgħot ħdejn l-iskùla nura n-nies diħlijn jivvutaw, għax billi jarawni hemm mhewx sa jibdlu fahmthom la jkewnu ġu fasslu lil mijn sa jivvutaw. L-għada l-Hett hereċ ir-riżultut bl'Lieli ta'Keterijn jipqa l-art pħell ma baqaw l-art iktar minn nofs l-oħrajn, ma nigdepx tu, ma ngħajdx li ma ddizappuntajtx xi ftijt rewħi, imme mhemmx x'tagħmel dawn affarijiet li jiġru kullumkien, dawn mhumiex affarijiet ta'bil-fors għax foq kullox in-nies jikkmandaw, l-għażle f'idejhom lil mijn irijdu u lil mijn ma jridewx, irħilu li ħefne minnhom jivvutaw minn fowq għall isfel u duk li kunjomu jibde bl-A igawdi l-iżjet u ta'mijn hew pħell tiegħaj ibuti żgowr. Imme ma kkunfundejtx ħefne għaliex quddiem għajnejje ġiet l-elezzjuni ġiniruli u ftakart f'kemm ma kienewx talaw avukuti, tubba, pirijti u prufissjunisti oħra, u ma kienetx xa ħuġa kbire li jiene biċ-ċukon tiegħaj kullu bqajt l-art ukoll mill-elezzjuni tal-kunsell.

Għall xi l-għaxra ta'filgħodu ta'duk il-jewm stess mort għand ummi pħes-sultu kijf kont nagħmel kull nhur ta'Hett sakemm dumet ħejje u nsibhe ferħuna sa ttir tirraġuwna maż-żewġt ħuwti bniet, u jien ga qalbi għadt .

"Mele l-biereħ rephet xi ambu tal-luttu ummi kemm hi ferħuna? U bl-ikbar ħsiep ta'xejn għadtilhe.

" Insumma biex ma ntawwalx is-Sept tal-vutazzjoni wasal u mort nivvota bess"



"Ma, mele irbeħt tal-luttu il-biereħ x'ent ferħuna?"

"U ibni qalbi kemm irbeħt iżjet mill luttu, il-Bambijn bess juf ibni"
"Is-Super Fife Ma?" Għattile jien b'għajnejje mberrqe.
"U ibni kemm iżjet" Qaltli b'għajnejhe jibbru bil-ferħ
Jien qbadt nifreħ megħhe wkoll, għax għadt mele la repħet sa nirbeħ jien u ħuwti wkoll għaliex kull mite repħet xa ħuġa dejjem tutgħa lilne u hawn arġajt għadtilhe bl-ikbar primure.

"Mele xi rbeħt ma xi lutterije barra minn Multa?"

"O Lijnu .....Lijnu......Santa Rita........Santa Rita ibni....qalgħatli l-grazzja li ent ma titlux fil-Kunsell tar-reħel"

"Eh? X'għadt ma?"
Għattile jien, kwuzi mbikkem u ntemtem għall kullox.

"Santa Rita....ibni, qalatli l-grazzja biex ma titlux fill-kunsell"
"Is.....m'għawx għalijk ma.......u jien kont qiegħat neħsep li ummi qiegħde tikkanvasjuli ir-reħel biex binhe isijr is-sintku."
"Mele x'nagħmel? Laqqas lil hett mgħat u laqqas mort nivvota biex ma jkullix l-indieme li bil vot tiegħaj tista titla. Mhux aħjur hekk ibni dun l-inkwiet x'tambijh?"

Eh għajduli xi trijt tagħmel.....hekk hew id-distijn.....ma kellijx ħile nitla eħsep u ura insijr sintku u lil Madam Psaila nagħmilhe l-First Lady taż-Żejtewn.
Heq mhemmx x'tagħmel u Viva Santa Rita la x-Xitun riet hekk. Jew viva ummi li l-wagħde li għamlet qalgħate. ■


HORACE ENTERPRISES LTD.

Trophies & Sports Goods www.horace-ent.com

Importer & Wholesaler

Tel. 2169 6302 • Mob: 9942 0346 • Fax: 2169 3397 • horaceentltd@link.net.mt

Triq Raymond Caruana, Gudja ZTN 11




## Rebbieħ tat-Tieni Diviżjoni tas-Snooker

L-Għaqda Mużikali Beland tifraħ lil Manuel Mallia huwa r-rebbieħ tat-tieni divizjoni tas-snooker ta' Malta wara li fil-final rebaħ kontra Jesmond Schembri ta' Ħamrun Liberty bl-iskor ta' 5-3.